**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 7 ta' Novembru, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 597/2018**

**Deloitte Services Limited**
**vs**
**LIA Advisory (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-8 ta' Gunju 2018 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici ipprestat servizzi professjonali lis-socjeta konvenuta fuq bazi regolari tul is-snin 2017 u 2018 u dan skond l-ittra ta' ingagg datata hdax (11) ta' Settembru elfejn u sbattax (2017) hawn annessa u markata bhala 'DOC DTO1';

2. Illi relattivament ghal dawn is-servizzi provduti, is-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici is-somma kumplessiva ta' mitejn tlieta u tletin elf tmien mija u tlieta u tletin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€233,833.43 ), kif hawn indikat bl-invoices rispettivi u rendikont hawn annessi u mmarkati bhala 'DOC DT02 - DOC DT15;

3. Illi s-socjeta konvenuta minkejja diversi interpellazjonijiet sabiex thallas l-ammont minnha dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata disgha (9) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) li giet ikkunsinjata lis-socjeta konvenuta fit-tnax (12) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) u dan skont ir-riferta hawn annessa u mmarkata, DOC DT16 u anke permezz ta' Ittra Ufficjali numru 710/2018 datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'DOC DT17', baqghet inadempjenti;

4. Illi dan huwa wiehed mill-kazijiet ikkontemplati mill-Artikolu 167(1)(a) tal-Kap.12, tal-Ligijiet ta' Malta, ghal-finijiet ta' liema Malcolm Booker, in rapprezentanza tas-

socjeta attrici jiddikjara u jikkonferma illi jaf b'dawn il-fatti personalment u fil-fehma tieghu d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq;

Ghaldaqstant, is-socjeta attrici umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza bis-dispensa mis-smigh ai termini tal-artikolu 167(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta veru, certa u likwida debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' mitejn tlieta u tletin elf tmien mija u tlieta u tletin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€233,833.43);

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn tlieta u tletin elf tmien mija u tlieta u tletin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€233,833.43) rapprezentanti provvista ta' servizzi kif fuq edott.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), kif ukoll l-imghax legali dekorribbli sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta intimata illi r-rapprezetanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li l-Qorti iddiferiet il-kawza ghall-5 ta' Novembru 2018 fejn la s-socjeta konvenuta u anqas id-difensur taghha ma dehru biex jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tad-difensur tas-socjeta attrici Dr Inger Cini fejn bil-gurament tieghu ikkonfermat li s-socjeta attrici li hi tirrapprezenta bhala avukat ghadha sallum ma thallsitx il-kreditu kollu dovut kif jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn tlieta u tletin elf tmien mija u tlieta u tletin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€233,833.43) rapprezentanti provvista ta' servizzi professjonali

lill-istess socjeta konvenuta, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur